# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
(GIA' QORTI TAL-KUMMERC)

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 18 ta' Frar 1999**

**Numru 3**

**Citaz. numru 1286/91JF K CIV**

**Kontrollur tad-dwana**

**vs**

**Joseph Preca u Frank Scicluna ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Preluna Limited**

**Il-Qorti,**

"Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenuti nomine huma debituri lejn l-attur fl-ammont ta' erbghat elef hames mija w tliet liri Maltin (Lm4,503.00,0) rappresentanti hlas ta' dazju "levy" fuq ceramic tiles;

Premess illi l-konvenuti nomine gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-ammonti mitluba pero' dawn baqghu inadempjenti;

U premess illi dina s-somma hija certa, likwida u dovuta u fil-fehma tal-attur il-konvenuti nomine ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu ghat-talba attrici w l-attur qed jippresenta affidavit skond il-ligi (Dok. A.)

Il-Konvenuti nomine talab li dina l-Qorti ma ghandhiex bid-dispensa tas-smiegh skond l-artiklu 167 tal-kap 12 tal-ligijiet ta' Malta;

1. Tikkundanhom ihallsu lill-attur is-somma ta' erbghat elef hames mija w tlett liri Maltin (Lm4,503.00,0) dovuti lilu bhala dazju "levy" fuq ceramic tiles;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Preca u Francis Scicluna nomine fejn eccepew:

1. Illi c-citazzjoni attrici hija nulla stante illi mhemm l-ebda konnessjoni bejn l-oggett u r-raguni tat-talba attrici u t-talba jew talbiet kontenuti fl-istess citazzjoni;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni c-citazzjoni attrici hija nulla stante illi d-dikjarazzjoni guramentata tal-

attur nomine ma twettaqx ir-raguni tat-talba kontenuta fl-istess citazzjoni;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, it-talbiet kontenuti fic-citazzjoni attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti stante illi s-socjeta' konvenuta qatt ma nkarigat lill-attur nomine sabiex jipprovdilha servizzi professjonali, u l-attur nomine qatt ma pprovda servizzji professjonali l-isocjeta' konvenuta;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ukoll in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Preca u Frank Scicluna ghan-nom u in rapperezentanza tas-socjeta' Preluna Limited fejn eccepew:

1. Illi c-citazzjoni attrici hija nulla stante illi l-attur ma pprezentax maghha dikjarazzjoni b'paragrafi numerati li jkun fiha migjuba bic-car u haga b'haga l-fatti tal-kawza li jkun jaf bihom;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, c-citazzjoni attrici hija nulla stante li l-attur naqas li jannetti maghha lista tax-xhieda li bi hsiebu jipproduci;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda minn dina l-Onorabbli Qorti u dana stante li s-"ceramic tiles" in

kwistjoni gew importati Malta qabel ma giet in vigore il-Ligi maghrufa bhala "Local Manufactures (Promotion) Act", 1989 u harrgu mid-Dwana qabel dik id-data;

4. Illi t-talba attrici ghall-hlas rad-dazzju "levy" hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante li s-socjeta' konvenuta giet ezentata mill-hlas ta' dazji fuq, inter alia, l-importazzjoni tas-"ceramic tiles" in kwistjoni, u dana permezz tac-certifikat numru 356/89 li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament ukoll in-noti ta' osservazzjonijiet li gew sottomessi mid-difensuri legali rispettivi tal-kontendenti;

Trattata l-kawza;

Ikkunsidrat qabel xejn li b'sentenza taghha in parte din il-Qorti, kif presjeduta, in data tal-31 ta' Jannar 1994 iddecidiet kwantu ghaz-zewg eccezzjonijiet ulterjuri sollevati mill-konvenuti Joseph Preca u Frank Scicluna nomine billi cahdithom a spejjez taghhom u ordnat ghalhekk bil-prosegwiment tal-kawza.

Illi l-vertenza ghandha fatti specji kemm ta' fatt kif ukoll ta' dritt. Bhala fatti jirrizulta li l-konvenuti nomine importaw lokalment partita merkanzija konsistenti f'madum tac-ceramika ("Ceramic tiles", liema merkanzija kienet ezenti mill-hlas ta' dazju skond certifikat (Dok A) mahrug taht l-*Aids to Industries Ordinance 1959*, trattandosi ta' artikoli destinati biex jitwahhlu fil-likanda Preluna. Skond dan ic-certifikat,

> "the articles shall be imported free from duty under the Import Duties Act, 1976 within a period of three years commencing in 1st May 1989..."

L-imsemmija madum waslu Malta fit-18 ta' Lulju 1989, igifieri entro t-tlett snin ta' ezenzjoni. Gara pero' li, almenu skond ma xehdu l-konvenuti, fil-port ta' Malta faqqa' "Strike" bil-konsegwenza li l-merkanzija "nqabdet" fil-port u giet rilaxxjata u zdoganata biss fit-2 ta' Awwissu 1989. Fil-frattemp gie ppromulgat l-Att tal-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali - Att numru XXXI tal-1989 li gie effettiv u fis-sehh fid-data tal-28 ta' Lulju, 1989, igifieri qabel il-rilaxx tal-merkanzija de quo. L-ufficjali tad-Dwana gew fid-dubju kellhomx jesigu hlas ta' "levy" li issa gie fis-sehh in forza tal-Att XXXI/1989 u ghalkemm jirrizulta li huma rrilaxxjaw il-konsenja lill-importatur minghajr talba ghal hlas dak inhar, huma rriferew il-kaz ghall-verifikazzjoni u cerzjorazzjoni ulterjuri lill-awtoritajiet kompetenti u in segwitu nharget talba biex is-socjeta' konvenuta thallas lill-

attur fil-kwalita' tieghu premessa, in linea ta' "levy", is-somma ta' Lm4,503 (erbat elef hames mija u tlett liri Maltin).

Il-konvenuti nomine jissottomettu (ara wkoll nota ta' osservazzjonijiet taghhom, a fol 126 - 128 tal-process) li darba kien hemm certifikat ta' ezenzjoni u l-merkanzija tqieset "free from duty", huma ma kienu possibbli ghall-ebda hlas. Sostnew li l-attur ma setax jisigi hlas retroattivament a bazi ta' ligi maghmulha hames xhur wara li giet ordnata l-merkanzija gja' kienet waslet Malta. Il-ligi tal-levy ma kenitx tispecifika li dan ghandu jithallas b'effett mid-data tal-hrug attwali ta' dak l-oggett mid-depost.

L-attur invece jikkontendi li l-ezenzjoni surreferita kienet relatata ma dazju u mhux "levy" Di piu l-art. 9. tal-Att XXXI/1989 kien jezenta biss mill-hlas tal-"levy", kif gej,

> "Industriji (minbarra lukandi) li huma ezenti mill-hlas ta' dazju kollu jew parti minnu skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att tal-1988 dwar l-Izvilupp Industrijali"

Il-Qorti hija tal-fehma li hawn si tratta ta" "dura lex sed lex" l-ezenzjoni kienet tkopri biss lis-socjeta' konvenuta ghal fini ta' dazju u mhux "levy". Il-fatt li l-oggetti kienu gja Malta fid-data li fija gie fis-sehh l-Att XXXI/1989 mhux bizzejjed ghax jekk il-"levy" kien jghodd ghal oggetti li kienu ghad iridu jigu zdoganata allura d-data materjali tal-wasla effettiva tal-oggett impurtat f'Malta mhijiex bizzejjed. L-att kien car hafna, fl-art 9 surreferit li

l-lukandi kienu gew eskluzi minn kull ezenzjoni koncessa lill-Industriji. Jekk imbaghad kellha tigi adoperata xi prassi, kif gie wkoll sottomess mill-attur, kellu jigi invokat l-art 18 (2) tal-Att XXXV tal-1989 ukoll dwar hlasijiet ta' dazju li jistipula illi,

> "meta xi oggett jinhareg mid-depost ghall-uzu jew konsum f'Malta d-dazju li ghandu jintalab fuq dak l-oggett ikun dak li ghandu jithallas fid-data tal-hrugattwali ta' dak l-oggett mid-depost."

Xehed l-attur fis-sens li din kienet ukoll il-procedura adoperata fil-hlas u gbir tal-"levy". Il-fatt li kien hemm strajk fil-port ma setax u ma jistax sfortunatament, jigi invokat mill-importatur bhala raguni valida li kienet tezentah mill-obbligi "godda" dwar imposizzjoni ta' "levy". <u>Obiter</u> , jinghad li dan hu wiehed minn dawk il-kazi li kien u hu meritevoli biex jigi kkunsidrat taht xi forma ta' "grazzja" presidenzjali jew xort'ohra, imma mhux in linja ta' inforzar ta' ligijiet min-naha tal-Qrati, meta effettivament "inhargu t-"tiles", kienet giet fis-sehh diga ligi gdida li imponiet "levy" fuq tali merkanzija, u ghalhekk din trid tithallas. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bhala tali fuq il-<u>quantum</u> mitlub in linea ta' "levy".

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti nomine tilqa' t-talba attrici kif dedotta u fl-ammont

mitlub kontra l-istess konvenuti nomine li, flimkien mas-sorte, qeghdin jigu kkundannati wkoll ihallsu l-kap ta' l-ispejjez.

**Onor. Imhallef Joseph A. Filletti**

**Deputat Registratur**
**cs**